# TIĠDID TAL-PROFESSJONI TA' BR.TARIQ BARKAT FIL-PAKISTAN

Fr Karm Debattista MSSP

Wara n-novizzjat il-professjoni tiġi imġedda kull sena għal tliet snin wara xulxin. Wara it-tielet sena terġa' tiġi imġedda, imma issa għal tliet snin sħaħ. Dan skond il-Kostituzzjoni tas-Soċjetà tagħna. Fil-fatt, Br.Tariq Barkat ġedded il-professjoni tiegħu għal tliet snin nhar is-Sibt 22 ta' Diċembru, 2007. Għal din l-okkażjoni kien hemm preżenti Fr Bernard Mangion, is-Superjur Ġenerali tagħna flimkien ma' Fr Pierre Bonnici, is-Superjur Reġjonali tal-Pakistan. Din saret b'mod sempliċi ħafna fil-kappella tad-dar tal-formazzjoni ġewwa Yuhannabad, Pakistan.

Fl-omelija tal-quddiesa Fr Bernard fakkar il-membri preżenti li l-għixien sħiħ tal-voti tal-kastità, faqar, ubbidjenza u missjoni jagħtu sens lill-ħajja reliġjuża. Għaldaqstant il-membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jgħixu bil-qalb din l-għotja tagħhom infushom lill-Mulej.

Għal din l-aħħar sena Br.Tariq kien wieqaf mill-istudju tiegħu u ħadem ġewwa l-parroċċa li għandna f'Yuhannabad bl-isem ta' "Il-Konverżjoni ta' San Pawl". Ftit taż-żmien ieħor għandu jmur il-Filippini fejn hemm se jkompli ż-żmien ta' ħidma pastorali qabel ma jibda l-istudju tiegħu tat-teoloġija.





# KIF TISTA' TGĦIN

**Is-Soċjeta' Missjunarja ta' San Pawl qed tingħata għal ħaddieħor. Int wkoll jista' jkollok sehem biex hi tkompli twettaq din il-missjoni tagħha. Tista' tagħmel dan billi tagħti d-donazzjoni tiegħek.**

**Borża ta' Studju €583 (Lm250)**
**Ġurnata ma' Missjunarju €23 (Lm10)**
**Ġurnata Studenti €466 (Lm200)**
**Fundazzjoni librerija €117 (Lm50)**
**Ġurnata Novizzi €466 (Lm200)**
**Sostenitur AĦNA LIKOM €23/€117 (Lm10/Lm50)**

L-indirizz tiegħi issa hu: 'L-Oratorju' Triq San Ġiljan, B'Kara BKR 2806. Tel: 2144 1917 / 7926 5968


MARZU 2008 / GĦADD 424
EDITUR: FR NORBERT BONAVIA MSSP




# aħnalilkom

ĦOLQA BEJN IL-ĦBIEB


NEWSPAPER POST
SOĊJETÀ MISSJUNARJA TA' SAN PAWL: SANT'AGATA, RABAT, MALTA, TEL: 2145 4503 / STELLA MARIS, ŻEBBUĠ, GOZO, TEL: 2155 1159


# FIL-PERU'....TLIET NOVIZZI ĠODDA

Fr Hector Attard MSSP

**Hija sodisfazzjon ta' kull ġenitur meta jara lil uliedu jikbru u jagħmlu passi 'il quddiem fl-iżvilupp tagħhom. Dan jgħodd ukoll fil-każ tas-Soċjeta' tagħna meta naraw żgħażagħ li jitħajru jimxu fuq il-passi ta' ħafna oħrajn qabilhom u jħaddnu il-ħajja reliġjuża missjunarja bħala stil ta' ħajja.**

Huwa sinjal ċar li l-kariżma mnebbħa mill-Ispirtu s-Santu lill-Fundatur tagħna Ġużeppi Depiro għadha valida sal-lum.

B'dawn is-sentimenti ta' ferħ u sodifazzjon, hawn ġewwa il-Peru' is-Soċjeta' laqgħet lil tliet żgħażagħ biex jibdew in-novizzjat. Dawn it-tliet żgħażagħ li jisimhom Elwer Condori Jove, Jesús Alexander Gonzalez u Jorge Rozaperez Huamani, ġejjin minn parroċċi fejn aħna l-MSSP qed inwettqu ħidma ta' evanġelizazzjoni. Huma bdew in-novizzjat tagħhom fid-9 ta Frar ta' din is-sena ġewwa id-dar ta' formazzjoni ta' Lima.

Il-programm tas-sena tan-novizzjat joffri mumenti ta' talb, studju, xogħol manwali u rikreazzjoni. In-novizzi tagħna flimkien ma' dawk ta' ordnijiet oħra li qegħdin fil-formazzjoni, jattendu korsijiet fl-istitut imwaqqaf mill-Konferenza tar-Reliġjużi (CONFER) biex ikomplu jiskopru aktar fil-fond x'inhi l-ħajja reliġjuża. Barra minn hekk, jistudjaw il-ħajja tal-Fundatur tagħna u l-istorja tas-Soċjeta', jirriflettu fuq il-kariżma missjunarja u dak li jfisser tkun missjunarju. Ma dawn ukoll ikun hemm studju u qari tal-ispiritwalita' u l-kitbiet ta' San Pawl. In-novizzi jkunu akkumpanjati minn persuna li diġa qed tgħix dan l-istil ta' ħajja biex ikun jista' jakkumpanjahom fil-formazzjoni tagħhom. Is-Soċjeta' afdat dan il-ministeru f'idejja u nħossni kuntent li qed inwettqu.

Nixtieq minn qalbi nirringrazzjakom qraba, benefatturi u ħbieb, li bl-għotjiet tagħkom, imma wisq iktar bit-talb, tgħinu f'din il-ħidma ta' formazzjoni. Nassigurakom li t-talb tagħna għalikom ma jonqosx. Jalla l-Muej ikompli jqajjem fil-Knisja vokazzjonijiet ġodda ħalli fuq l-eżempju ta' missierna San Pawlu u skond ix-xewqa tal-maħbub Fundatur tagħna Mons Ġużeppi De Piro, Ġesu' Kristu jkun magħruf u maħbub minn kulħadd.



Fr Hector Attard man-novizzi l-ġodda

# L-ESPERJENZA TIEGĦI FIL-PAKISTAN

*L-Ewwel Artiklu*

**Fr Norbert Bonavia MSSP**

**Ftit tax-xhur ilu jiena kelli l-okkażjoni li mmur il-Pakistan. Dan xtaqt nagħmlu biex ikolli “first hand experience” tax-xogħol li jagħmlu l-Fathers tagħna f’dan il-pajjiż.**

**Ser nibda naqsam magħkom ftit mill-esperjenza li kelli hemm.**

Il-Pakistan għandu poplazzjoni ta’ madwar 160 miljun. Huwa maqsum f’erba’ partijiet. Jiena żort il-parti li tissejjaħ il-Punġab. Il-belt kapital tal-Punġab hija Lahore. Din il-belt hija kbira u sabiħa ħafna. Fil-parti l-antika, ssib bini li jmur lura sat-800 sena qabel Kristu u fil-parti l-ġdida issib bini stil ingliż u ieħor stil indjan. Dan juri ż-żmien meta l-Pakistan u l-Indja kienu ħaġa waħda u kienu dominati mill-ingliżi. Hekk per eżempju nsibu bini tassew sabiħ bħall-Katidral tal-Kattoliċi u dak tal-Protestanti, li illum tissejjaħ il-Knisja tal-Pakistan. Hemm il-bini tal-Posta Ġenerali, tal-Qorti u l-istazzjon tal-ferrovija. Dawn huma binjiet kbar u mill-isbaħ. Illum il-belt baqgħet tissebbaħ b’monumenti, moskej u b’toroq wisgħin u kollha siġar.

Din il-belt bħall-bliet kbar l-oħra, issib fiha ħafna ħwienet. Hemm ħwienet tassew sbieħ. Imbagħad għandhom dawk li jsejħulhom “bazaars”. Dawn huma ħwienet li xi wħud minnhom huma imdaqqsin, imma imbagħad hemm oħrajn żgħar ħafna. Imma li tiġbidlek l-attenzjoni hu li barra li huma litteralment wieħed ġo l-ieħor u zgħar, ibiegħu l-istess prodott; ngħidu aħna naħa taż-żraben, naħa oħra affarijiet tal-kċina eċċ..

Meta toħroġ barra mill-belt, mill-ewwel tolqtok id-differenza li teżisti. Trab kullimkien. Tista’ tgħid li indafa ma’ teżistix. Il-ħwienet qishom toqob fil-ħajt. Is-sabiħa hi li l-ħwienet tal-belt jifitħu tard u jsebbħu sa filgħodu u tal-irħula jifitħu kmieni ħafna u issib minnhom li jibqgħa miftuħin sa tard bil-lejl għax is-sid jorqod fl-art ħdejn il-ħanut. Ħaġa oħra li tolqtok hi t-toroq. Fil-waqt li dawk it-toroq li jagħtu għal qalba tal-belt huma tajbin ħafna, imma fin-nofs hemm “central strip” li hi kollha ħamrija u allura meta jkun ir-riħ jew tgħaddi xi karozza minn fuq “ic-central strip” itir ħafna trab u ma tara xejn. It-toroq li jserrpu fl-irħula huma f’kundizzjoni ħazina, kollha ħofor u meta tagħmel ix-xita jkunu kollha tajn.

Inkomplu darb’ oħra.



**Monument ta’ meta il-Pakistan infired mill-Indja. Jgħidulu Imnara Pakistan**



Wieħed mill-ħwienet tad-deheb




# RADIO MARIA U MONS. DE PIRO

**Segwi l-programm:**

**Ġuzeppi De Piro...Il-bniedem t’Alla**

**Kull nhar ta’ Erbgħa, fid-9.00pm**

**b’repetizzjoni l-Ħadd, fis-1.00am**

**Fuq Radju Maria 102.3fm/107.8fm**

*Imtella’ mis-Soċjetà Missjunarja ta’ San Pawl*


# L-S.P.M.C. fix-xahar ta’ Frar

Ix-xahar ta’ Frar li għadda s-Saint Paul’s Missionary College tagħna fir-Rabat iċċelebra żewġ okkażjonijiet tassew sbieħ. Dawn kien il-laqgħa ġenerali tal “Old Boys’ Association”, u l-Jum tal-Premjazzjoni ghas-sena 2006-2007.

Il-laqgħa generali tal-“Old Boys’” issir kull sena għall-ħabta ta’ 10 ta’ Frar, festa tan-Nawfraġju ta’ San Pawl, Padrun tal-Kulleġġ. Għaliha jiġu mistiedna dawk l-istudent li kienu jattendu dan il-Kulleġġ.

Din tkun okkażjoni biex l-ex studenti jerġgħu jiltaqgħu u jiftakru f’dawk il-memorji sbieh u l-praspar li kienu jagħmlu meta kienu ghadhom studenti. Din il-laqgħa tibda b’quddiesa, wara jittieħed ritratt tal-okkażjoni u kikkra te’ u l-pastizzi tajbin tar-Rabat.



**Jum il-Premjazzjoni** din is-sena ġie ftit kmieni minħabba l-Għid. Din hija “s-show case” tal-Kulleġġ. Għax fiha barra li jitqassmu l-premijiet li huma ħafna, l-istudenti mgħejjuna mill-għalliema tagħhom kull sena itellgħu operetta. Kważi kull sena tkun waħda mill-operetti ta’ Gilbert and Sullivan. Il-kant ikun kollu live, akkumpanjat mill-orkestra tal-Kulleġġ stess. Din is-sena għamlu l-operetta “H.M.S. Pinafore”, li fiha ħadu sehem madwar 150 tifel.

